ID-DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/103

tad-29 ta' Jannar 2021

li ma tapprovax id-diossidu tal-karbonju bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 19

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali [1], u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 89(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 [2] jistabbilixxi lista ta' sustanzi attivi eżistenti li jridu jiġu evalwati biex possibbilment jiġu approvati għall-użu fil-prodotti bijoċidali. Dik il-lista tinkludi d-diossidu tal-karbonju (Nru KE: 204-696-9; Nru CAS: 124-38-9). Dik il-lista tinkludi wkoll id-diossidu tal-karbonju ġġenerat mill-propan, mill-butan jew minn taħlita tat-tnejn permezz tal-kombustjoni. Din tal-aħħar mhijiex koperta minn din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni.

(2) Il-parteċipanti kollha rtiraw l-appoġġ tagħhom għad-diossidu tal-karbonju għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 19, is-sustanzi li jbiegħdu u dawk li jattiraw. L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ppubblikat stedina miftuħa biex taqdi r-rwol ta' parteċipant f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament Delegat (UE) Nru 1062/2014. Ma ġiet ippreżentata l-ebda notifika skont l-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament. F'konformità mal-punt (b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 20 tar-Regolament Delegat (UE) Nru 1062/2014, jenħtieġ li tiġi adottata deċiżjoni dwar in-nuqqas ta' approvazzjoni għal sustanzi attivi li ma jibqgħux appoġġati fil-programm ta' rieżami għat-tip ta' prodott ikkonċernat.

(3) Id-diossidu tal-karbonju (Nru KE: 204-696-9; Nru CAS: 124-38-9) jenħtieġ li għaldaqstant ma jiġix approvat bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 19.

(4) Il-prodotti bijoċidali eżistenti tat-tip ta' prodott 19 u li fihom id-diossidu tal-karbonju jistgħu jibqgħu jkunu disponibbli fis-suq u jintużaw qabel id-dati stabbiliti fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 89(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(5) Fi kwalunkwe każ, id-diossidu tal-karbonju huwa elenkat fil-kategorija 6 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. Għaldaqstant il-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 19 li fihom id-diossidu tal-karbonju jistgħu jkunu disponibbli fis-suq u jintużaw diment li jkunu awtorizzati f'konformità ma' dak ir-Regolament u diment li jkunu konformi mal-kundizzjonijiet u mal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fl-Anness I għad-diossidu tal-karbonju.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-diossidu tal-karbonju (Nru KE: 204-696-9; Nru CAS: 124-38-9) mhuwiex approvat bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 19.

---

[1] ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.

[2] Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 tal-4 ta' Awwissu 2014 dwar il-programm ta' ħidma għall-evalwazzjoni sistematika tas-sustanzi attivi bijoċidali kollha li jeżistu fil-prodotti bijoċidali msemmijin fir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 294, 10.10.2014, p. 1).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Jannar 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN